MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 389/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**

**Michael Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. ghan-nom u inrapprezentanza ta' Stivala Operators Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-9 ta' Novembru, 2005, u fil-granet li jigu qabel din id-data, fil-lukanda Bay View, ix-Xatt, Gzira, naqas, jew hu jew impiegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali

permezz ta' "cash register" fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;
2. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e)(f), 81 u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-partiti 1,2,3 u 10 tat-tlettax il-Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta' tlett mitt lira Maltija (LM300) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza w tilliberah minn kull akkuza u jekk hemm bzonn tikkonferma s-sentenza fejn l-Ewwel Qorti astjeniet mit-tieni akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar, 2008, li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet in linea preliminari n-nullita' tal-appell stante li ntalbet ir-revoka tas-sentenza appellata minnflok ir-riforma u dan bi ksur ta' dak li jiddisponi *ad validitatem* l-art. 419(1)( c ) tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant kien akkuzat b' zewg reati. Hu nstab hati biss tal-ewwel akkuza ghax l-Ewwel Qorti astjeniet milli tippronunzja ruha fuq it-tieni akkuza, stante li din kienet wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu l-appellant talab testwalment hekk :-

*"li l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza datat (Sic!) 1 ta' Novembru, 2007 fejn l-esponent gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza u tillibera r-rikorrent minn kull akkuza u jekk hemm bzonn tikkonferma s-sentenza fejn l-ewwel Qorti astjeniet mit-tieni akkuza."*

Ikkonsidrat ;

Li huwa minnu li hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita' tal-appell - liema nullita' hija anki **sollevabbli "ex officio**" - ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

*"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-*

*(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir* ***jew*** *ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("****The Police vs. John Hill"****, Criminal Appeal, [23.9.1972]*

*(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant .* ***Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null.*** *" (emfasi ta' din il-Qorti), (****Pul.vs. Anthony Zammit*** *, [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940;* ***Pul. vs. Richard Vincenti Kind*** *, App. Krim. [16.9.72];* ***Pul. vs. Carmelo Agius*** *, App. Krim. 14.10.1972).*

Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma *: "****La Polizia vs. Ernesto Laiviera"****, [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "***La Polizia vs Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; **Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar** , App.Krim. [23.1.1971]; **Pulizija vs. Carmelo Farrugia et.** App. Krim. [11.11.1976] ; **Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna** , App. Krim.[ 1.9.1977]; **Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et** ,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit** [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 **; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind ,** App. Krim. [16.9.1972] ; **Pulizija vs. Carmelo Agius** App. Krim. [14.10.1972]; **Pulizija vs. Emmanuel Bonnici** , App. Krim. [5.10.1990]; **Pulizija vs. Joseph Desira** [18.3.1972] **; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg** , [18.3.1972]; u **Pulizija vs. John Vella**

**Chritien** App. Krim. [6. 5. 1972] u **Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia** [13.2.2001].

Illi pero' f' dan il-kaz l-appellant qed jissottometti li meta l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ghax din kienet imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel wahda, ma kienetx qed tiddeciedi dwar dik l-imputazzjoni w ergo dik l-astensjoni ma kienetx tekwivali ghall-liberazzjoni. Ghalhekk f' dan il-kaz it-talba ghar-revoka tas-sentenza kienet in ordine w ma kienx il-kaz li tintalab ir-riforma tas-sentenza.

Fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Mary Vella"** [1.2.2002} din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li :-

*"…meta imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti tal-prim' istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha, u dan sabiex b' hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn-naha tal-prosekuzzjoni - ara f' dan is-sens **Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar** App. Krim. 18/9/1996, **Il-Pulizija v. Carmel Debono** App. Krim. 1/11/1996, u **Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva** App. Krim. 20/11/2000."*

Illi fis-sentenza taghha : **"Il-Pulizija vs. Jurgen Xerri"** [24.10.2007], din il-Qorti (diversament preseduta) kienet *"ex officio"* iddikjarat irritu w null appell tal-Avukat Generali ghaliex l-appellant, ghalkemm kien talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda billi tirrevoka l-ordni ta' probation u tinfliggi piena karcerarja effettiva, dwar l-imputazzjoni li dwarha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha ma kien qal xejn.

F' dik is-sentenza gie ukoll ritenut illi:-

*"…l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f' kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li*

*fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha w fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena."*
*"Fil-kaz in ezami, l-appellant naqas milli jitlob li din il-qorti tikkonferma jew tannulla dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni …Konsegwentement ir-rikors huwa evidentement irritu w null*." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi fis-sentenza recenti taghha fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Russell Bugeja**" [29.2.2008] din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. DeGaetano rriteniet li :-

"*Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu l-massimi* ***interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat*** *u* ***benedicta est expositio quando res redimitur a destructione****…… ghall-finijiet ta' l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 ma hemmx ghalfejn li fit-talba tigi indikata d-disposizzjoni tal-ligi li tkun tikkontempla r-reat li l-appellant ikun qed jitlob li jigi liberat minnu jew, meta l-appell ikun tal-prosekuzzjoni, li tkun tikkontempla r-reat li tieghu l-Avukat Generali ikun qed jitlob li l-appellat jinstab hati tieghu. Dak li hu neccessarju hu li jkun hemm talba jew ghat-tahsir tas-sentenza, jew ghat-tibdil taghha, u f'din it-tieni ipotesi ghandu jigi indikat sew kif ikun qed jigi propost*

*li s-sentenza tinbidel ossia tigi riformata jew varjata, fis-sens li ghandu jigi ndikat liema parti taghha ghandha tibqa' fis-sehh u liema parti ghandha tinbidel. Ir-rikors odjern jaghmel dan kollu. …... Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemm ebda nullita` fir-rikors ta' appell."*

Illi ghalkemm dawn is-sentenzi ma jolqtux il-pern tal-vertenza odjerna, iservu biex jillustraw il-hsibijiet u t-tendenzi li gudikanti ohra iharsu lejn il-kwistjoni tan-nullita' tar-rikors tal-appell u tal-formalitajiet li jridu jigu segwiti ghad-distinzjoni tal-formalizmu. Din il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq din il-kwistjoni w tara u tqis li s-soluzjoni ghaliha hi dik infraskritta.

Illi f' dan il-kaz ghalkemm l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza appellata ma jistax jinghid li hu injora ghal kollox l-astensjoni tal-Ewwel Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni ghaliex ikkonkluda t-talba tieghu bil-kliem:-
*"u jekk hemm bzonn tikkonferma s-sentenza fejn l-ewwel Qorti astjeniet mit-tieni akkuza."*

Ghalhekk ladarba l-astensjoni proprjament la hi liberazzjoni u lanqas sejbien ta' htija, il-gurisprudenza fuq citata dwar il-htiega ta' talba ghar-riforma li tapplika meta akkuzat ikun instab hati ta' xi akkuzi w liberat minn ohrajn, mhux necessarjament tapplika f' dan il-kaz u f' din is-sitwazzjoni ambigwa, din il-Qorti tara li jkun ahjar li ma taqax f' formalizmu zejjed billi tannulla r-rikors tal-appell, meta tali nullita' la tohrog espressament mill-ligi w lanqas mill-gurisprudenza rilevanti.

Ghal dawn l-motivi w fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika, din il-Qorti tichad il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara li r-rikors tal-appell ritwali w validu w konsegwentement qed tordna l-prosegwiment tal-kawza li ghandha tibqa' differita ghas-smiegh tax-xhieda w trattazzjoni ghall-10 t' April, 2008, fid-9 am.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------